MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2011

Numru 393/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Manwel Cassar**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Manwel Cassar ta' 55 sena, bin Anthony u Helen nee` Attard, imwieled Gudja nhar it-02 ta' Settembru, 1952, u residenti fil-fond Mario, Triq il-Hgejjeg, Xewkija, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 676852M fejn gie akkuzat talli nhar it-08 ta' Novembru 2007, u gimghat ta' qabel gewwa Ghawdex, u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni

jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloq jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe` billi altera zewg licenzji tal-windscreen bin-numru serjali mhux maghruf, uzati fuq vettura tal-ghamla Fiat Crona bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 158 biex gew jidhru bhala licenzja wahda u gew alterati biex jindikaw li l-licenzja tiskadi f'Settembru 2008 minflok f'Settembru 1999;

2. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza u cioe` billi altera zewg licenzji tal-windscreen bin-numruserjali mhux maghruf, uzati fuq vettura tal-ghamla Fiat Croma bin-numru ta' registrazzjoni IAJ 158;

3. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Fiat Croma bin-numru ta' registrazzjoni IAJ 158 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'licenzja jew polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

4. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe` numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra IAJ 158 maghmul fuq il-plastik.

5. u talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi sabiex jiskeb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra IAJ 158 maghmul fuq il-plastik.

6. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsicfikat billi pproduca numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra IAJ 158 maghmul fuq il-plastik.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta' Settembru, 2010 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi lliberat lill-imputat Manwel Cassar mill-ewwel, it-tieni, ir-raba, is-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati tat-tielet u l-hames akkuza u kkundannatu ghal perijodu ta' sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija gie sospiz ghal zmien tlett snin mid-data tas-sentenza.

**3.** Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza u skwalifikatu milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza u ordnat ukoll il-konfiska tad-Dokumenti JM1, JM2, JM3 u JM4 favur il-Gvern ta' Malta.

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Manwel Cassar minnu prezentat fil-5 ta' Ottubru 2010, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fil-parti liberatorja taghha u tilliberah fil-parti kondannatorja taghha u konsegwentement tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skont il-ligi. .

**5.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fit-2 ta' Novembru 2007 il-Pulizija rrintraccjaw fi Triq il-Hgejjeg, ix-Xewkija, Ghawdex, vettura tal-ghamla Fiat Croma li kellha n-numru ta' registrazzjoni IAJ 158 indikat fuq bicciet tal-kartun mwahhlin mal-karozza flok il-pjanci soliti tal-metall. l-pjanci tal-kartun kienu miksija b'materjal plastiku u mizbugh b'zebgha acrylic u stencil. Fuq il-post l-imputat gie mistoqsi dwar il-vettura u stqarr li kien ghadu gej biha minghand il-mechanic. Mitlub jigbor l-affarijiet personali tieghu mill-vettura l-imputat ipprova jnehhi il-licenzja ta' mal-wijndscreen.Il-vettura IAJ 158 tal-ghamla Fiat Croma kienet registrata fuq isem Vincent Zahra u kienet ilha hekk registrata sa mis-6 ta' Marzu 1998 u kellha l-licenzja taghha mhallsa sat-30 ta' Settembru 1999. Dan Vincent Zahra kien ittrasferiha lil haddiehor izda ghalkemm huwa ha hsieb li jiffirma t-transfer il-parti l-ohra t-transfer baqghet ma ffirmatux u ghalhekk baqa' ma giex konkjuz. Jidher li l-vettura regghet biddlet l-idejn izda t-transfer baqa ma sarx sakemm il-vettura giet elevata mill-pussess tal-imputat.

**7.** L-appellant jghid li huwa gie akkuzat talli nstabet mill-pulizija karozza ipparkjata quddiem garage proprjeta tieghu li ma kellix licenzja mhallsa. Dan ma hu minnu xejn. Ebda wahda mill-imputazzjonijiet li saru fil-konfront tal-appellant u ebda wahda mill-imputazzjonijiet li taghhom instab hati l-appellant ma tirrigwarda xi reat konsistenti li nstabet karozza ipparkjata li ma kellix licenzja mhallsa. Forsi l-appellant ried jirreferi ghat-tielet imputazzjoni talli <u>saq</u> vettura minghajr licenzja jew minghajr ma kellha licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx koperta b'licenzja jew polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni. Izda din hi imputazzjoni *toto coelo* diversa minn dik li qieghed jimmagina l-appellant. Dan hu mod ghal kollox traskurat kif jigu redatti l-atti.

**8.** Inoltre, l-appellant barra li instab hati tat-tielet imputazzjoni u cioe' dik fuq imsemmija, instab hati wkoll tal-hames imputazzjoni u cioe' talli sabiex jikseb xi

beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca numru tar-registrazzjoni falz ta' vettura jaqra IAJ158 maghmul fuq il-plastik. Mentri l-unici aggravji dedotti fir-rikors tal-appell jirrigwardaw unikament it-tielet imputazzjoni u ma jghidu assolutament xejn dwar il-hames imputazzjoni li ghalhekk il-htija dwarha ser tigi konfermata peress li l-funzjoni ta' revizjoni ta' din il-Qorti hi arginata bl-aggravji dedotti fir-rikors tal-appell li din il-Qorti ma tistax' izzid maghhom[1].

**9.** Dwar it-tielet imputazzjoni l-aggravji tal-appellant jikkonsistu essenzjalment f'nuqqas ta' qbil mal-ewwel qorti dwar l-apprezzament li ghamlet dwar il-provi. L-imputat appellant ma qajjem ebda kwistjoni ta' ebda xorta ohra. L-appellant jikkontesta dak li xehed Vincent Zahra fis-sens li dan kien qallu bl-arretrati ta' hlasijiet li kien hemm fuq licenzji u citazzjonijiet in konnessjoni mal-vettura imsemmija. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex, bhal l-ewwel Qorti, ma toqghodx fuq din ix-xhieda inkontradetta ta' Vincent Zahra li kien gie prodott mill-imputat appellant stess in difeza tieghu. L-appellant izid li Vincent Zahra ma ghamel l-ebda tip ta' negozju mieghu u li l-vettura giet trasferita minghand ix-xhud Zahra lil certu Joseph Zammit. Ix-xhud Zahra qatt ma xehed li l-appellant ghamel xi negozju mieghu izda llimita ruhu li jghid li l-appellant kien cempillu ghaliex ried jixtri l-vettura, waqt li l-vettura giet trasferita minghand Zahra lil Zammit ma jibdel xejn mill-fatt pruvat li l-vettura nstabet fil-pussess tal-appellant bil-magna shuna u li kienet ghand l-appellant ta' l-anqas minn sentejn qabel. L-appellant stqarr ukoll li fit-8 ta' Novembru 2007 huwa kien saq il-vettura minn ta' Sannat sa x-Xewkija u dan meta rrizulta li l-vettura kienet ilha minghajr licenzja mill-1999 u li dan kien a konoxxenza tal-appellant. Peress li l-appellant ma wera ebda certifikat ta' assigurazzjoni, l-inezistenza ta' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni hi skont l-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 prezunta.

---

[1] Ara App Pulizija v Darren Attard, 3 ta' Settembru 2001

**10.** Fl-ahharnett l-appellant jallega li l-istqarrija li ghamel saret biss wara pressjoni ingusta, illegali u abbusiva minn naha tal-pulizija u li ghamilha sabiex jinheles mill-arrest waqt l-investigazzjoni. Ghalhekk l-appellant qieghed jikkontesta l-volontarjeta' tal-istqarrija u ma hu qieghed jissolleva ebda kwistjoni ta' xi xorta ohra dwarha jew in konnessjoni maghha. Jirrizulta li l-imputat appellant qabel ghamel l-istqarrija tieghu gie mwissi li ma kienx obbligat jitkellem izda dak li jghid seta jingieb bhala prova u l-appellant iffirma immedjatament wara din it-twissija kif ukoll iffirma fi tmiem l-istqarrija. PS 759 Emanuel Zammit, li wkoll iffirma l-istqarrija li kien prezenti ghaliha, ikkonferma li l-appellant ghazel li jiffirma l-istqarrija wara li kien inghata s-solita twissija. L-Ispettur Josric Mifsud ukoll xehed li l-appellant kien iffirma l-istqarrija wara li kien gie moghti s-solita twissija liema stqarrija kienet damet xi nofs siegha. Dawn il-provi ma gew kontradetti b'ebda mod u dan nonostante li l-kawza kienet giet differita mill-ewwel Qorti ghal darbtejn ghall-provi tal-imputat appellant li kull ma pproduca bhala xhud tieghu kien lill-imsemmi Vincent Zahra li dwar din il-materja ma qal assolutament xejn. Quddiem l-ewwel Qorti, inoltre, l-appellanti ma ssolleva ebda kwistjoni dwar l-istess stqarrija u anqas jirrizulta l-icken hjiel ta' xi eccezzjoni dwar ir-regolarita' taghha.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell ta' l-imputat Manwel Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perjodu ta' sena li matulu l-appellant ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan jibda jghodd mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------